MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1903/1997/1

**Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-Socjeta` Guardian Royal Exchange assurance plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha J Grech Limited**

**Vs**

**Ace Travel Limited agenti Malta ta' Blue Water Shipping trasportaturi tal-merkanzija *de quo***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fis-27 ta' Awissu 1997 fejn gie premess:

Illi fl-1 ta' Settembru 1996 is-socjeta` J. Grech Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Norasia Kiel konsenja ta' 37 cartons outerwear;

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assigurat ta’ l-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok. A (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-istess assigurat;

Illi l-attur jikkwantifika d-danni u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta’ l-assigurat tieghu fl-ammont ta’ elf, hames mija u hamsa u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm1585.10) li maghhom jizdied l-ammont ta’ sitta u hamsin lira (Lm56) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ elf, sitt mija u wiehed u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm1641.10);

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija ta’ l-assigurat li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm1641.10;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1641.10;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Dr Simon Micallef Stafrace fil-kwalita` ta’ rapprezentant tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta’ Mejju 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi Ace Travel mhix il-kumpanija rapprezentattiva jew agent tal-kumpanija estera u m'ghandhiex awtorita li tirraprezenta lis-socjeta` estera Blue Water Shipping hawn Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Qrati ta' Malta ma ghandhomx kompetenza li jisimghu u jiddeciedu fuq il-kaz *de quo* stante li n-negozju sar barra minn Malta minn zewg kumpaniji esteri u di piu d-danni ma sarx Malta imma barra minn Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li t-trasportatur ma kienx Ace Travel Limited;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa ghal kollox esagerat;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr Martin Fenech u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni preliminari. Is-socjeta` Ace Travel eccepiet li hija mhix kumpanija rapprezentattiva jew agent tal-Blue Water Shipping u m'ghandhiex awtorita` tirraprezenta lis-socjeta` estera Blue Water Shipping hawn Malta;

Provi:

Illi Saviour Mifsud, mis-socjeta` konvenuta Ace Travel Ltd, xehed li l-Blue Water Shipping hadet il-konsenja tal-merkanzija u ghaddietha lill-Excel Shipping Limited biex hija tesporta l-istess merkanzija lejn Malta. Huwa spjega li s-socjeta` Excel hija rapprezentata hawn Malta mid-ditta Gollcher. *"Gollcher infurmana illi kien ircieva din il-merkanzija skond ma jidher mid-dokument a fol 17 tal-process. Ahna allura ghamilna n-notice of arrival lill-konsenjatarji li kienu Grech & Cole u meta dawn marru biex jikklerjaw il-konsenja sabu li kien hemm il-hsara jew in-nuqqasijiet."*

Illi Mifsud sahaq fuq il-fatt li Blue Water ma kellhomx agent hawn Malta u kien ghalhekk li ingaggjaw il-kumpanija estera Excel, li l-agent taghha f'Malta huwa Gollcher. Huwa spjega li l-Ace Travel Limited kienu bhala *correspondent office* ma' Blue Water. Spjega li originarjament kienu l-agenti ta' kumpanija jisimha Haypollock u meta l-marketing person taghhom marret tahdem mal-Blue Water huma baqghu in kuntatt maghha. *"Peress li ahna kellna relazzjonijiet tajbin mieghu u huwa kien tajjeb f'xoghlu ahna konna ghidna lill-klijent biex jaqbad mal-Blue Water u tajnih il-persuna koncernata u dan kien ghamel ix-xoghol kif rikjest*."

Illi Mifsud jinsisti li l-Ace Travel Ltd kienet biss ir-*receiver* ghan-nom tal-Blue Water u li dawn kienu effettivament qabdu lill-Excel biex iggor il-merkanzija;

Illi Lucienne Cini, inkarigata mill-Marine Claims tas-socjeta` attrici, kontro-ezaminata ikkonfermat li s-socjeta` konvenuta *"kull ma ghamlet hu li harget il-merkanzija mid-Dwana 'il barra";*

Illi s-socjeta` konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha spjegat li a fol 16 (li hija l-collection note mahruga mid-ditta esportatrici Jenice Ltd) hemm indikat li l-haulage company hija "Blue Water Excel Shipping" u dan propju ghax il-Blue Water Shipping kienet ghaddiet il-konsenja lill-Excel sabiex hija tesportaha lejn Malta. Saret ukoll riferenza ghal fol 17 li hija "Collection/Delivery note" mahruga mill-Excel Shipping Ltd b'istruzzjonijiet lil M

Campbell Transport biex dawn jghabbu l-merkanzija minn Jenice Ltd (id-ditta esportatrici) u jwassluha lil Excel Shipping Ltd. Fuq in-naha t'isfel tad-dokument hemm annotament li jispjega li huma kienu qed jagixxu *"on behalf of Blue Water Shipping";*

Illi s-socjeta` attrici da parti taghha, fin-nota tas-sottomissjonijiet tishaq fuq il-fatt li l-polza ta' karigu hi mahruga minn Blue Water u li imkien ma jissemma' Gollcher Co Ltd jew Excel Co Ltd. Il-Qorti tosserva ukoll li fuq in-naha t'isfel tal-polza ta' karigu hemm indikat *"for of delivery of goods please apply to: Ace Travel and Freight Forwarders";*

Kunsiderazzjonijiet:

Illi ghalkemm il-polza ta' karigu hi mahruga minn Blue Water Shipping jidher li t-trasportaturi tal-merkanzija in kwistjoni kienu effettivament l-Excel Shipping Ltd, kif imqabbdin minn Blue Water Shipping. L-Ace Travel Ltd kull ma ghamlet kien li harget il-merkanzija mid-Dwana 'l barra (ara fol 7, Release Order tad-Dwana) u imbaghad avzat lid-ditta importatrici li x-xoghol kien wasal hawn Malta;

Illi nonostante dan, jibqa' l-fatt li kienet il-Blue Water li giet inkarigata biex tittrasporta l-merkanzija u mhux l-Excel; r-relazzjoni kienet bejn l-importaturi u l-Blue Water. Ghalhekk kawza ghall-allegati nuqqasijiet trid issir kontra l-Blue Water, kif fil-fatt sar;

Illi l-Ace Travel pero` qed tinsisti li ma kellhiex titharrek bhala agent tal-Blue Water peress li hi ma kinitx l-agent tal-Blue Water imma l-inkarigu taghha kien biss li tohrog il-merkanzija mill-port;

Illi il-Qorti tosserva li x-xhieda ta' Saviour Mifsud f'dan ir-rigward mhix ghal kollox konsistenti. Fix-xhieda tieghu tat-3 ta' April 2001 xehed *li "Jiena qatt ma kont agent ta' Blue Water. Ahna konna bhala correspondent office ma' Blue Water pero ma kellna ebda ftehim ta' agenzija"*. Fix-

xhieda tieghu ta’ l-14 ta’ Jannar 2000, pero, kien xehed hekk: *“Ghalkemm minix preciz ma nahsibx li domna zmien twil agenti ta’ l-istess socjeta` Blue Water ... Ahna qatt ma konna rapprezentanti taghhom regolarment”;*

Illi ma jidhirx li kien hemm ftehim ta’ agenzija regolari bejn il-Blue Water u l-Ace Travel pero jibqa’ l-fatt li fil-kaz odjern l-istess Ace Travel accettat l-inkarigu moghti lilha mill-istess Blue Water, u ghalhekk isimha gie imnizzel fuq il-polza ta’ karigu. B’dana kollu s-socjeta` attrici kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha kellha dritt tagixxi kontra Blue Water izda mhux kontra Ace Travel bhala agenti tal-Blue Water meta l-agenzija ma irrizultatx. Anqas jidher li s-socjeta` attrici ippruvat tikkomunika jew tikkontrolla ma’ l-esportatur.  Dan jaqbel ukoll mal-kliem “*for delivery of goods please apply to Ace Travel & Freight Forwarders*” – dan jirrizulta li kien l-uniku ness ta’ socjeta` Ace Travel u jispjega l-istqarrija ta’ Saviour Mifsud li ma kinitx agent ghas-socjeta` estera imsemmija.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur